31985L0010

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Diċembru, 1984

li temenda d-Direttiva 75/106/KEE fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-pre-kondizzjonament bil-volum ta' ċerti likwidi f'imballaġġ minn qabel

(85/10/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi armonizzazzjoni totali tal-medda ta' volumi nominali għal prodotti fis-settur ta' l-inbid issa tidher meħtieġa għall-prodotti kollha konċernati mindu kienet adottata tad-Direttiva tal-Kunsill 75/106/KEE ([4]), kif emendata bid-Direttiva 79/1005/KEE ([5]);

Billi d-data stabbilita fid-Direttiva 75/106/KEE għall-użu ta' ċerti volumi ma tħallix żmien biżżejjed biex uħud mill-Istati Membri jiddisponu mill-fliexken ritornabbli li għadhom fiċ-ċirkolazzjoni fis-swieq tagħhom; billi t-tibdila prematura tal-fliexken li mhumiex tal-qies normali jkollha konsegwenzi ekonomiċi serji; billi l-Istati konċernati għandhom għalhekk jitħallew li jawtorizzaw l-użu tal-volumi msemmija fis-swieq tagħhom għal perjodu limitat;

Billi mill-adozzjoni tad-Direttiva 75/106/KEE, ix-xejra fid-drawwiet tal-konsum wriet li hemm bżonn jiżdiedu volumi kbar mal-firxa tal-kapaċitajiet ta' inbejjed distillati;

Billi d-Direttiva 75/106/KEE għandha tkun emendata skond il-każ,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Artikolu 5 tad-Direttiva 75/106/KEE huwa hawnhekk mibdul b'li ġej:

"L-Artikolu 5

1. Stati Membri ma jistgħux jirrifjutaw, jipprojbixxu jew jirrestrinġu t-tqegħid fis-suq ta' pakketti imballati minn qabel li huma skond il-ħtiġijiet ta' din id-Direttiva fuq xi bażi li għandu x'jaqsam mal-kalkolu tal-volumi tagħhom, il-metodi li bihom kienu vverifikati jew il-volumi nominali fejn dawn huma preskritti fl-Anness III, il-kolonna I.

2. Stati Membri li fil-31 ta' Diċembru 1973 ippermettew l-volumi normali elenkati fl-Anness III, il-kolonna II, ikomplu jħalluhom sal-31 ta' Diċembru 1988, jew fil-każ tal-volum 0,73 litru sal-31 ta' Diċembru 1985.

([1]) ĠU C 291, tas-27.10.1983, p. 11.
([2]) ĠU C 104, tas-16.4.1984, p. 141.
([3]) ĠU C 57, tad-29.2.1984, p. 13.
([4]) ĠU L 42, tal-15.2.1975, p. 1.
([5]) ĠU L 308, ta' l-4.12.1979, p. 25.

3. (a) Pakketti imballati minn qabel li fihom il-prodotti elenkati fl-Anness III, taqsima 1 (a) u (b), jistgħu jinbiegħu biss wara l-31 ta' Diċembru 1983 jekk ikollhom il-volumi nominali preskritti fl-Anness III, il-kolonni I u II. Il-volum ta' 0,73 litru jitħassar mill-kolonna II b'effett mill-1 ta' Jannar 1986.

(b) Pakketti imballati minn qabel li jkun fihom il-prodotti elenkati fl-Anness III, taqsima 1 (a) u (b) jistgħu jinbiegħu wara l-31 ta' Diċembru 1983 biss jekk ikollhom il-volumi nominali preskritti fl-Anness III, il-kolonna I.

(c) Mingħajr preġudizzju għas-subparagrafu (a) ta' hawn fuq, il-prodotti elenkati fl-Anness III (1) (a), meta jinsabu f'pakketti ritornabbli, jistgħu jinbiegħu fil-volumi li ġejjin:

— 0,24 litri — 0,73 litri — 0,99 litri fi Franza sal-31 ta' Diċembru 1988,

— 0,46 litri — 0,64 litri — 0,68 litri fil-Greċja sal-31 ta' Diċembru 1988,

— 0,19 litri — 0,36 litri — 0,475 litri — 0,72 litri — 0,95 litri — 1,75 litri — 1,88 litri fl-Italja sal-31 ta' Diċembru 1985.

4. Din id-Direttiva ma tkunx ta' impediment għal liġijiet nazzjonali li jirregolaw għal raġunijiet ambjentali l-użu ta' imballaġġ f'dak li jirrigwarda r-riċiklaġġ tiegħu."

Artikolu 2

1. Iċ-ċifri li ġejjin jiżdiedu ma' l-Anness III, il-kolonna I (1) (a) tad-Direttiva 75/106/KEE: '6, 9 u10'.

2. Il-linja li ġejja tiżdied fl-aħħar tal-firxa ta' volumi fl-Anness III, il-kolonna I (1) (a) tad-Direttiva 75/106/KEE:

"0,187 (għal konsum abbord ajruplani u vapuri biss)".

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jkunu konformi ma' din id-Direttiva fi żmien 12-il xahar min-notifika tagħha [1]. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, it-18 ta' Diċembru, 1984.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BRUTON

[1] Din id-Direttiva kienet notifikata lill-Istati Membri fl-20 ta' Diċembru, 1984